

# Brother Louis Camilleri F.S.C.

## *L-Ewwel Żurrieqi fit-Triq Lejn il-Qdusija*

**Fabian Mangion**

Il-qdusija hi rigal, hi d-don li jagħtina l-Mulej Ġesù, meta jsejħilna u jlibbisna bih innifsu, jagħmilna bħalu. L-Appostlu missierna San Pawl jistqarr li "Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha, biex iqaddisha."[1] Il-qdusija, għalhekk, hi l-isbaħ wiċċ tal-Knisja, hi l-libsa tal-komunjoni ma' Alla, fil-milja tal-ħajja u l-imħabba tiegħu. Allura nistgħu nifhmu li l-qdusija mhix prerogattiva ta' xi wħud biss: il-qdusija hi don li jiġi offrut lil kulħadd, ħadd ma jitħalla barra, u għalhekk tikkostitwixxi l-karattru distintiv ta' kull Nisrani.[2]

Tant drabi niġu ttentati naħsbu li l-qdusija hi riservata biss għal dawk li għandhom il-possibbiltà li jħallu warajhom ix-xogħol u l-faċendi ta' kuljum, biex jiddedikaw ruħhom esklussivament għat-talb. Le! Mhix din il-qdusija! Il-qdusija hi xi ħaġa bil-wisq ikbar, wisq iktar profonda li jagħtina Alla. Anzi, huwa propju f'li ngħixu l-imħabba u noffru x-xhieda Nisranija tagħna fil-ħidmiet ta' kuljum li aħna msejħin insiru qaddisin. Kun qaddis billi twettaq bl-onestà u b'kompetenza l-ħidma tiegħek u billi toffri minn ħinek għall-qadi tal-aħwa. Dejjem u f'kull post nistgħu nsiru qaddisin, jiġifieri nistgħu niftħu qalbna għal din il-grazzja li taħdem fina u twassalna għall-qdusija. Kun qaddis billi ssir sinjal li jidher tal-imħabba ta' Alla u tal-preżenza tiegħu fostna.

Din hi t-triq tal-qdusija. Meta l-Mulej jistedinna nsiru qaddisin, ma jsejħilniex għal xi ħaġa tqila, ta' dwejjaq... Xejn affattu! Hi l-istedina biex naqsmu fil-ferħ tiegħu, biex ngħixu u noffru bil-ferħ kull mument ta' ħajjitna, u fl-istess ħin nagħmlu minnu don ta' mħabba għall-persuni qrib tagħna. San Pietru jagħmlilna din l-eżortazzjoni: "Kull wieħed minnkom jgħix skont id-don li rċieva u jinqeda bih għall-ġid tal-oħrajn; hekk tkunu amministraturi tajbin tal-grazzja ta' Alla, li hi ta' ħafna xorta. Jekk xi ħadd għandu d-don tal-kelma, jipprietka l-kliem ta' Alla; jekk xi ħadd għandu d-don tal-ministeru, iħaddmu bis-setgħa li Alla tah, u hekk f'kollox ikun igglorifikat Alla b'Ġesù Kristu."[3] Din hi l-istedina għall-qdusija li Bro. Louis Camilleri sema', laqa' u għex tul ħajtu kollha.

### Iben iż-Żurrieq

It-tieni wild minn ħdax[4] ta' Manwel Camilleri[5] u Karmena mwielda Cachia,[6] Antonio twieled f'numru 69, Triq il-Karmnu, iż-Żurrieq nhar il-31 ta' Awwissu 1923.[7] Fit-3 ta' Settembru, il-ġenituri tiegħu ħaduh fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq fejn hemmhekk huwa rċieva s-Sagrament tal-Magħmudija minn Dun Manwel Mifsud, Arċipriet tar-raħal.[8] Kif kien soltu jsir, flimkien mal-isem Antonio, li bih kellu jissejjaħ, huwa ġie msemmi wkoll Karmenu u Ġużeppi. Il-parrini tiegħu f'dan is-sagrament kienu Gejtanu Camilleri u martu Vinċenza.[9]



Ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' Antonio Camilleri mill-Arkivju Parrokkjali taż-Żurrieq.

Hu għex ma' familtu fiż-Żurrieq, qrib il-mitħna tax-Xarolla. Missieru kien idur bil-kaxxi tal-luminata jew fl-għelieqi skont il-ħtieġa. Il-ħajja, lejn l-aħħar tal-għoxrinijiet u l-bidu tat-tletinijiet tas-seklu għoxrin, ma kinitx faċli għall-familja Camilleri.[10] Il-ġenituri tiegħu kienu ġejjin minn familja ta' ħaddiema bi twemmin reliġjuż qawwi. Kienu jħaddnu b'qawwa l-valuri Nsara, liema valuri huma raw li jgħadduhom wkoll lil uliedhom. Iżda minkejja li l-familja kienet fqira, ommu, mara Kattolika eżemplari, sponsorjat żewġ seminaristi għall-ordinazzjoni.[11]

Filgħaxijiet huwa kien jattendi għat-tagħlim tad-duttrina fil-Qasam tal-MUSEUM fiż-Żurrieq. Ma jistax jonqos, għalhekk, li kien f'dan iż-żmien li huwa sar jaf lil Dun Ġorġ Preca u tħabbeb mat-tagħlim tiegħu. Fil-Mużew, mit-tagħlim li kien jieħu mingħand is-Soċi, hu għaraf kif għandu jħobb ħafna lil Ġesù. Ta' kuljum huwa kien jieħu sehem fil-quddiesa u darba fil-ġimgħa kien jersaq għall-qrar.

Il-ġenituri ma kinux jifilħu jħallsu għall-edukazzjoni privata. Għalhekk, Antonio kiseb l-edukazzjoni mill-iskola tal-Gvern taż-Żurrieq u, sa ma kellu tnax-il sena, f'dik ta' Ħal Tarxien. Minħabba nuqqas ta' mezzi ta' trasport, huwa kien imur bil-mixi. Fuq suġġeriment ta' ommu u bil-ħsieb li jsib xogħol fit-Tarzna, fl-1935 huwa beda jattendi l-Kulleġġ De La Salle li, f'dik il-ħabta, kien f'nru. 96, *Strada Buongiorno*, f'Bormla.[12] Kien f'dan iż-żmien li nżergħet fih il-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża.[13] Tant hu hekk li fl-1937, meta kellu biss erbatax-il sena, huwa ħass li Alla kien qiegħed isejjaħlu biex ikun aktar qrib tiegħu billi jissieħeb mal-*Brothers* ta' San Ġwann Battista *De La Salle*, aktar magħrufa fostna l-Maltin bħala l-*Frères*.[14]




Il-kappella fl-iskola ta' Starda Buongiorno f'Bormla, fejn Antonio sema' lil Alla jistiednu għal warajh.



Antonio Camilleri, żagħżugħ ta' 14-il sena, f'ritratt meħmuż mal-applikazzjoni għall-passaport fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta. Hawn jidher bil-badge tal-Mużew fuq il-pavru.

Darba minnhom, wara li għamel żjara fil-kappella li l-Brothers kellhom fil-kulleġġ, huwa resaq fuq Bro. William Tabone u infurmah li xtaq isir Brother. Hu kien ġie mħejji minn Bro. Michael Buttigieg u ftit xhur wara, telaq lejn Franza għaliex, għall-Isititut tal-*Frères* f'dik il-ħabta, Malta kienet tifforma parti mill-provinċja ta' Avignon, li magħha kellha anke lill-Alġerija li allura kienet taħt il-ħakma Franċiża.[15]

## Żmien il-gwerra fi Franza

Fuq il-*liner Knight of Malta*, Antonio ħalla Malta, flimkien ma' Anġlu Farrugia, ukoll miż-Żurrieq, biex ikompli l-istudji u l-formazzjoni reliġjuża fi Franza.[16] Akkumpanjati minn Bro. Walter Joseph Borg Coster FSC, li kien inkarigat mill-vokazzjonijiet, huma waqfu f'Marseilles. Wara xi ġranet, huma telqu lejn il-*Juniorate* ta' Avignon bl-isem *Notre Dame de Sept Douleurs* (Is-Sinjura tagħna tas-Seba' Duluri).[17] Dan kien fis-7 ta' Settembru 1938. Hemm kellhom ukoll jitgħallmu l-Franċiż li kienet lingwa totalment ġdida għalihom.

Fit-3 ta' Settembru 1939 faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. B'kollox kien hemm tnax-il aspirant Malti li kienu qed jistudjaw biex isiru *Brothers*. Minħabba l-gwerra, tmienja ddeċidew li jirritornaw lura Malta għax beżgħu li setgħu jinfirdu minn mal-familjari tagħhom, erba' oħra ddeċidew li jibqgħu għaddejjin



*Antonio Camilleri (it-tieni mix-xellug) flimkien ma' Bro. Walter Coster qabel ma telaq biex jibda n-novizzjat fi Franza f'Mejju 1939.*

bil-formazzjoni tagħhom. Fosthom kien hemm Antonio.[18]

Fis-7 ta' Lulju 1940, huwa għamel l-Postulantat f'Pibrac, fil-provinċja ta' Toulouse fi Franza. Wara, fis-16 ta' Ottubru 1940 huwa beda n-Novizzjat f'Pibrac ukoll.[19] Ħa l-voti annwali tiegħu f'Awwissu 1941 u fid-9 ta' Novembru 1941 għamel l-Iskolastikat f'*St. Maurice L'Exile* (Istitut Lasalljan).

Fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, f'Novembru 1942, fi Franza seħħet l-okkupazzjoni tar-*Régime de Vichy* min-Nażisti.[20] Minkejja dan kollu, Theodulphe Louis, kif issa sar jismu bħala reliġjuż, ma qatax qalbu. Hu kien determinat li jkompli bl-istudji tiegħu fl-Istitut Lasalljan, anke meta l-Gestapo marru jistaqsu dwar il-*Brothers* Maltin, fosthom hu, f'*St. Maurice L'Exil.*

Minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, flimkien ma' Bro. Norbert, Bro. Louis ħarab lejn in-Nofsinhar ta' *Caluire* f'*Lyons*, b'karta ta' identità falza.[21] Bla ħsieb tal-ebda riskju li kienu qed jieħdu, huma rikbu fuq ferrovija mimlija suldati Ġermaniżi. Fortunatament, ħadd mill-passiġġieri fil-vjaġġ ma ntalab jippreżenta xi dokumentazzjoni. Hemm huma ssoktaw bil-formazzjoni tagħhom, minkejja l-interruzzjonijiet frekwenti mill-*air raids* tal-Alleati.

Fl-aħħar sena tiegħu fi Franza, Bro. Louis intalab biex imur jgħallem f'*Beziers*. Wara, l-erba' *Brothers*



*Antonio Camilleri (bilwieqfa l-ewwel mix-xellug) fin-novizzjat ta' Avignon flimkien ma' sħabu.*

Maltin talbu li jiġu Malta biex iżuru lill-familja tagħhom. Għalhekk, huma rikbu fuq *hospital ship* li kien ser ibaħħar lejn Taranto, fin-nofsinhar tal-Italja. Hemm huma qagħdu għal xi jiem fejn iltaqgħu ma' uffiċjali Ingliżi li rranġawlhom biex jivvjaġġaw lejn Malta fuq *destroyer* Taljan. Wara lejl fuq il-baħar, il-Brothers li kienu hekk maqbuda fil-gwerra fl-Ewropa, irnexxielhom jaslu lura Malta.[22]



*Bro. Louis flimkien mal-ġenituri tiegħu Manwel u Karmena u l-għaxar ħutu.*

Bro Louis ġie lura bil-ħsieb li jagħmel ġimagħtejn f'Malta mal-familja tiegħu u qrabatu. F'dik il-ħabta, Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, ikkonvinċa lil *Frères* li l-*Brothers* Maltin kellhom jiffurmaw parti mill-provinċja Ingliża u kkonvinċew lil Bro. Louis biex jibqa' Malta minflok imur għall-missjoni fit-Tuneżija.[23]

### Fil-qasam tal-edukazzjoni f'Malta

Fl-1945, Bro. Louis, issa li temm l-istudji tiegħu u kiseb iċ-ċertifikat tat-tagħlim, beda jgħallem il-Ġografija, ir-Reliġjon u l-lingwi fil-Kulleġġ *De La Salle*, fil-Birgu. F'dik il-ħabta, l-iskola kienet nieqsa minn għadd ta' kumditajiet. Kien jgħix fis-sular ta' fuq mal-komunità tal-*Brothers* fi kmamar mgħammra biss bi bżonnijiet bażiċi.

Bro. Louis ħa l-aħħar voti f'Ħadd il-Għid, 28 ta'

Marzu 1948. Numru ta' snin wara, hu rritorna fi Franza għall-eżami taċ-Ċertifikat Franċiż C.E.S, f'*Lyons* u aktar tard għamel ukoll l-eżami tal-Matrikola tal-Università ta' Londra.

Dan kien il-bidu ta' ħidma twila u bnina, snin ta' tagħlim, ta' edukazzjoni, ta' formazzjoni nisranija u akkademika għal tant snin fost eluf ta' tfal u żgħażagħ Maltin u barranin fl-iskejjel immexxija mill-*Frères*. Kienu eluf l-istudenti li matul is-snin kellhom ix-xorti li jkunu mgħallma u jiġu megħjuna b'kull mezz minn Bro. Louis u li ħafna minnhom wara għamlu suċċess fil-karriera tagħhom.[24]

Il-ħwejjeġ li kien jirċievi mingħand familtu, spiss kien jagħtihom lill-familji foqra li kien jaf u li kienu jgħixu fil-viċinanzi tal-kulleġġ. L-ikbar kontribut tiegħu bħala għalliem kien fil-korsijiet tal-apprentistat tad-*Dockyard*, li maż-żmien saru rinomati u għamlu lill-kulleġġ aktar popolari u ta' suċċess kbir. Dawn il-korsijiet kienu ta' għajnuna kbira għal tant żgħażagħ li kellhom jagħmlu karriera fid-*Dockyard*.

Bro. Louis kien iħobb ħafna l-ambjent naturali u l-ħolqien li tant kien iħossu jressqu lejn il-Ħallieq. Filwaqt li kien jieħu lil bosta tfal u żgħażagħ il-Girgenti biex jammiraw in-natura, irnexxielu jnissel f'ħafna l-imħabba lejn l-ambjent. Kienu dawn l-istudenti stess li żejnu l-Kulleġġi ta' *De La Salle* u *Stella Maris* bil-pjanti u s-siġar li wieħed jista' jgawdi sal-lum.[25]

Minħabba li l-*Brothers* għandhom appostolat differenti mill-qassisin u mill-Ordnijiet Reliġjużi l-oħra, wieħed jista' jaħseb li l-*Brothers* jgħixu separati minn xulxin. Iżda l-*Brothers*, għalkemm mhumiex qassisin, bħala reliġjużi, iħaddnu t-tliet voti tal-faqar, kastità u ubbidjenza. Barra minn hekk, huma jwiegħdu u jieħdu wkoll il-vot ta' permanenza fl-Isitut mal-*Brothers* tal-Iskejjel Insara li, flimkien f'komunità u f'assoċjazzjoni, huma msieħba biex iwettqu skejjel għas-servizz tal-fqar permezz tal-edukazzjoni, imorru kull fejn jistgħu jiġu mibgħuta u jagħmlu dak kollu li jiġi assenjat lilhom mis-superjuri tiegħhom.[26]

Daqslikieku dan ma kienx biżżejjed, Bro. Louis xtaq li jħaddan vot ieħor, jiġifieri dak ta' abbandun totali fl-imħabba mimlija ħniena ta' Alla. B'dan il-ħsieb, huwa ressaq is-supplika tiegħu quddiem Bro. Nicet Joseph FSC, Superjur Ġenerali, u fis-17 ta' Jannar 1966, Bro. Lawrence O'Toole, Assistent Superjur Ġenerali, infurmah li t-talba tiegħu ġiet milqugħa. Fit-2 ta' Frar 1966 Bro. Louis ħa dan il-vot u l-formula ġiet iffirmata minn Bro. O'Toole innifsu u minn Patri Alfons Grima OCD, konfessur.[27]

## Direttur tal-Kulleġġ *De La Salle*

Fil-bidu tas-sena skolastika 1968-69, Bro. Louis sar Direttur tal-Kulleġġ *De La Salle*.[28] L-ewwel sena tiegħu bħala direttur inżertat mat-tletin anniversarju mit-trasferiment tal-kulleġġ minn Bormla għal Tal-Ħawli, il-Birgu. Il-komunità tal-*Brothers* kienet magħmula minn erbatax. In-numru ta' student kien ta' 567 (li laħaq 875 fl-1971). Dawn kienu mqassma fi tletin klassi u mgħallma minn 29 għalliem.[29] F'dik il-ħabta, il-kulleġġ kien popolari ħafna għall-*boarders* li kienu jgħixu fil-binja tal-Punent tal-kulleġġ li ma kinitx daqstant akkoljenti. Meta Bro. Louis sar direttur, il-*boarders* kienu jirrappreżentaw għoxrin nazzjonalità differenti.[30] Fl-1970 ġew inawgurati kwartieri ġodda għall-*boarders*.[31]

Fil-5 ta' Diċembru 1970 ġie inawgurat, mill-Onor. Dr. Pawlu Borg Olivier, Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu, Laboratorju tal-Lingwi (*Language Laboratory*) għall-istudju tal-lingwi. Dan il-laboratorju b'16-il kabina u manifatturat minn *Cybernetics Developments Ltd.* ta' Surrey, l-Ingilterra, kien, fiż-żmien, l-aħħar mudell u l-aktar mekkanikament sofistikat tat-tip tiegħu.[32] Dan il-laboratorju ġie mbierek mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Emmanuel Gerada, Isqof Titulari ta' Nomentum u Isqof Awżiljarju.

Għalkemm iż-żmien ta' Bro. Louis bħala Direttur fil-Kulleġġ *De La Salle* kien biss ta' tliet snin, kienu snin li fihom għamel mill-kulleġġ istituzzjoni ħajja, li jgawdi minn reputazzjoni kbira kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Għal kulma għamel, huwa jixraqlu ammont wiesa' ta' kreditu.[33]

## Direttur tal-Kulleġġ *Stella Maris*

Wara dan il-perjodu bħala Direttur u Surmast, f'Lulju tal-1971, Bro. Louis intbagħat fil-Kulleġġ ta' Stella Maris fil-Gżira. Is-sena ta' wara, f'Settembru 1972, sar Direttur tal-istess kulleġġ. Sentejn wara, f'Settembru 1974, twaqqaf kors tas-*Sixth Form* taħt il-ħarsien u s-superviżjoni tiegħu. Aktar tard, bejn l-1981 u l-1983 huwa kien ukoll direttur tan-novizzjat tal-*Brothers* fil-Mellieħa.

Matul ħajtu huwa stinka kemm felaħ biex iż-żewġ kulleġġi, *De La Salle* u *Stella Maris*, jaġġornaw dejjem lilhom infushom u jimxu maż-żminijiet għall-ġid tal-istudenti. Hu kien strumentali fl-introduzzjoni ta' suġġetti ġodda u innovattivi bħalma kienu d-Disinn Tekniku u l-istudju tal-teknoloġija. Dan kollu juri li, fejn jidħol il-qasam tal-edukazzjoni, il-*Brothers* kienu dejjem aġġornati u minn ta' quddiem.

## Provinċjal għal Malta

Fil-bidu tat-tmeninijiet huwa ġie elett minn fost il-*Brothers* f'Malta biex jokkupa l-kariga ta' Provinċjal tas-sotto provinċja ta' Malta. F'din il-kariga huwa beda jifforma parti mill-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri

tar-Relijużi Maltin (KSMR). F'dan il-Kunsill, Bro. Louis qeda l-kariga ta' segretarju[34] meta Patri Pawl Cremona O.P., dakinhar Provinċjal tal-Provinċja Dumnikana Maltija u llum Arċisqof Emeritus ta' Malta, kien jokkupa l-uffiċċju ta' president bejn l-1984 u l-1987.

Wieħed hawn ma jridx jinsa li dan kien perjodu diffiċli għall-Knisja f'Malta u żmien ta' prova għall-iskejjel tagħha.[35] "Kont nara fih reliġjuż kif noħolmu jien... dejjem kont inqisu qaddis." Hekk qalli Mons. Cremona dwar Bro. Louis. Hu kompla jgħidli li l-kwistjoni tal-iskejjel inkwetatu mhux ftit, "... imma kien inkwiet ta' bniedem mimli fiduċja u qabel kull laqgħa li kien ikollna... ġieli ltqajna tliet darbiet f'ġimgħa... kien jagħmel ħin ta' adorazzjoni." Fi kliem Mons. Arċisqof Emeritus stess, "quddiemi, waqt il-laqgħat, kien ikolli qdusija, mhux raġel tajjeb."[36]

F'dan l-istess perjodu, Bro. Louis kien ukoll segretarju tal-Kunsill Rappreżentattiv għall-Iskejjel tal-Knisja (RCCS). Dan kien kunsill imwaqqaf *ad hoc* bid-digriet tas-6 ta' April 1984 minħabba l-kwistjoni li kienet għaddejja dwar l-iskejjel tal-Knisja. Kien hu li, fuq struzzjonijiet ta' Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, li kellu l-awtorità assoluta li jitkellem f'isem l-iskejjel tal-Knisja f'Malta u Għawdex, kiteb għadd ta' korrispondenzi li għaddew bejn dan il-Kunsill u l-awotoritajiet governattivi ta' dak iż-żmien.[37]

Fiż-żmien li kien Provinċjal, Bro. Louis għex fl-iskola San Benild ta' Tas-Sliema u kien jifforma parti mill-komunità ta' *Brothers* li kienu jgħammru hemm. Ħafna studenti, anki wara li dawn kienu temmew l-istudji tagħhom, ħabbtu l-bibien ta' din l-iskola u fittxew lil Bro. Louis. Fih huma kienu jaraw mhux biss ħabib, imma bniedem li kien kapaċi jitkellem ma' Alla. Dejjem lest bi tbissima li kienet tiġbed in-nies lejh, kien ta' karattru umli, prudenti, paċifiku u jmur tajjeb ma' kulħadd specjalment mat-tfal u ż-żgħażagħ li kienu jaraw fih mudell ta' integrità[38] u għalliem tassew Nisrani. Fih kienu jilmħu l-valuri qaddisa tal-fundatur.[39]

### Fundatur tal-Fraternità *Signum Fidei*

Iżda l-aqwa suċċess li Bro. Louis baqa' magħruf għalih l-iżjed fuq livell ċentrali tal-Kongregazzjoni kien it-twaqqif, fl-1981, tal-Fraternità Lasalljana *Signum Fidei*.[40] Hu baqa' sa tmiem ħajtu l-moderatur ta' din il-fraternità fejn il-membri lajċi tagħha, irġiel u nisa, jimpenjaw ruħhom flimkien mal-*Brothers* li jgħixu l-ispiritwalità tal-kariżma Lasalljana u jwettqu bil-ħeġġa d-dimensjoni spiritwali u edukattiva bħala għalliema nsara Kattoliċi.[41] Kull xahar, huwa kien jippubblika ktejjeb fl-isem *Sigmun Fidei* li kien ikun fih informazzjoni bijografika qasira dwar il-qaddis ta' kull ġurnata, riflessjoni bibblika u silta mill-kitbiet ta' San Ġwann Battista *De La Salle*. Dan il-ktejjeb baqa' jiġi ppubblikat b'mod regolari sal-lum.

Matul ħajtu *Brother* Louis ħaddan valuri Nsara qawwija u kien iben denn u dixxiplu ta' San Ġwann Battista *De La Salle*. Hu kellu devozzjoni sinċiera lejn San Ġużepp bħala l-missier putattiv ta' Ġesù u protettur tal-Istitut tal-*Frères*, u ddedika għalih binja ġdida fil-Kulleġġ *Stella Maris*. Statwa ta' San Ġużepp, li għadha hemm sal-lum, tqiegħdet fil-kuritur li hemm bejn il-binja l-antika u dik gdida.

Hu kellu wkoll devozzjoni speċjali għal Marija Santissima u ta' kuljum kien iqatta' ħin twil jimmedita t-talba tar-rużarju.[42]

L-Ewkaristija Mqaddsa kienet il-milja spiritwali tiegħu. Kellu devozzjoni serja u awtentika lejn l-Ewkaristija kif ukoll ħeġġa biex dan l-akbar teżor jasal għand kulħadd. Hu fatt magħruf li ta' spiss, anke matul il-lejl, huwa kien iżur il-kappella tal-*Brothers* u jgħaddi ħin fl-adorazzjoni quddiem il-preżenza reali tal-Mulej Ġesù fit-tabernaklu.

Fl-aħħar snin tal-ħajja tiegħu, kien fi djalogu kontinwu ma' Alla. Dan jixhduh l-għadd kbir ta' talb u riflessjonijiet li kien jikteb kważi kuljum, ħafna minnhom bil-Franċiż, fi ktejjeb żgħir li kien iżomm. It-talb li kiteb fl-aħħar sena ta' ħajtu huma xhieda awtentika tal-għaqda tiegħu ma' Alla u x-xewqa profonda li jgħix fil-preżenza ta' Alla.

### Rabta ċkejkna mal-Każin tal-Banda Queen Victoria A.D. 1865

Fl-20 ta' Marzu 1954, permezz ta' att ta' bejgħ ippubblikat min-Nutar Emmanuel Agius, Karmena Camilleri, omm Bro. Louis, akkwistat il-font 36-37, fi Pjazza Churchill (illum Pjazza Repubblika) fiż-Żurrieq. Dan seħħ waqt iż-żwieġ tagħha ma' Manwel Camilleri. Meta fis-6 ta' Lulju 1976, il-konjuġi Camilleri għamlu t-testment tagħhom fl-atti tan-Nutar Dr. Nikola Said, huma ħallew l-użufrutt



*Nhar l-10 ta' Novembru 1993, quddiem in-Nutar Joseph Henry Saydon, ġie ffirmat il-kuntratt għax-xiri tal-każin il-ġdid.*

tal-font insemmi lil binhom Bro. Louis. Barra minn hekk, huma ħallewh b'titlu ta' prelegat lil uliedhom l-oħra kollha.[43]

Dan il-font hu sewwasew fejn illum insibu tgħammar l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria. Fil-fatt, wara li sa mit-twaqqif tagħha fl-1865, il-banda għamlet użu minn diversi binjiet fiż-Żurrieq biex dawn iservu bħala sede tagħha,[44] kien biss fl-1914 li hija kriet dan il-lokal u kompliet il-ħidma tagħha minn hemm.[45]

Waqt seduta ġenerali annwali li nżammet fil-każin fit-2 ta' Ottubru 1993, Dr. Joseph R. Darmanin, President tal-għaqda, qara ittra mibgħuta mingħand il-familja Camilleri fejn infurmaw li l-lok kien għall-bejgħ.[46] Nhar l-10 ta' Novembru 1993, quddiem in-Nutar Joseph Henry Saydon, ġie ffirmat il-kuntratt għax-xiri tal-fond li jinsab f'Misraħ ir-Repubblika, mingħand il-familja Camilleri.[47] Erbat ijiem wara, u biex jitfakkar dan l-avveniment, il-Banda Queen Victoria A.D. 1865 għamlet marċ mat-toroq tar-raħal.[48]

## Lura lejn Dar il-Missier

Wara xi żmien ma jiflaħx, *Brother* Louis għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju tal-2011, fl-età ta' 88 sena, waqt li kien rikoverat fl-isptar *Mater Dei*. Il-funeral tiegħu sar it-Tlieta, 31 ta' Mejju fl-awditorju principali tal-Kulleġġ *Stella Maris*, il-Gżira. Il-quddiesa tal-funeral ġiet iċċelebrata minn Dun Jesmond Grech, Kappillan tal-komunità ta' *Stella Maris*, imsieħeb minn madwar 20 saċerdot ieħor, xi wħud minnhom eks-studenti taż-żewġ kulleġġi. Il-quddiesa kienet animata bil-kant mill-kor tal-Kulleġġ *Stella Maris*.

Wara l-qari tal-Evanġelju, Dun Jesmond niseġ l-omelija fejn, fost l-oħrajn, qal: "Bro. Louis ġabarna hawn dalgħodu b'atteġġjamenti diversi. Il-preżenza numeruża hija diġà fiha nnfisha turija u xhieda mhux biss tal-imħabba u r-rispett li kien igawdi, iżda espressjoni mill-akbar qawwija ta' kif Bro. Louis kien kapaċi jibni u jżomm relazzjonijiet veri li jmissu l-qalb.

Kemm Bro. Louis kien bniedem ta' relazzjoni, nixhdu jien li kelli x-xorti narah kull filgħodu għall-Ewkaristija u kważi kull ġimgħa għall-qrar! Jixhduh ukoll il-ħafna lajċi li ħadmu spalla ma' spalla miegħu (fi żminijiet feliċi u dawk inqas feliċi). Jixhed għalih il-mod kif xterdet l-aħbar tal-mewt tiegħu bejn il-ħbieb il-Ħadd filgħaxija. Għalija dawn ir-relazzjonijiet fil-fatt għamluh l-edukatur mudell u komplet li kien.

Kien edukatur bħala *Headmaster*, bħala għalliem fil-klassi speċjalment meta għallem lill-apprentisti tad-*Dockyard*. Kien edukatur meta beda s-*Sixth Form* fi *Stella Maris*. Hu kien ukoll Direttur u Provinċjal.


Bro. Louis Camilleri fsc

**Talba għall-grazzji u l-glorifikazzjoni ta' Bro Louis Camilleri**

Mulej, għajn ta' kull qdusija, Int weghedt li teżalta lill-umli u tagħmel lil dawk kollha li jgħallmu l-ġustizzja lill-kotra bħal kwiekeb fl-eternità; kun ġeneruż, jekk jogħġbok, u gglorifika lill-qaddej Tiegħek Bro Louis u agħmel li ismu jibqa' jiddi qalb l-ismijiet tal-qaddisin Tiegħek.

Ftakar f'ħajtu umli, ħabrieka, safja, u bieżla li kienet għal kollox imħeġġa biex twettaq ir-rieda Tiegħek u tħobb Lilek u lill-proxxmu kollu; kun idek miftuħa u sawwab il-grazzji Tiegħek fuq l-erwieħ li qed isejħulek.

Jekk jogħġbok agħmel li jum fost l-oħrajn il-Knisja Qaddisa tagħti ġieħ lit-tifkira tiegħu u toffrihulna bħala xempju ta' ħajja Nisranija; , ukoll, li tippreżentahulna bħala protettur li jaqbeż għalina u jgħinna ngħixu fil-grazzja Tiegħek u fl-imħabba Tiegħek. Ammen.

*Glorja lill-Missier....*

Nihil obstat die 24th Novembris 2014 – Sac. Hector Scerri, Cens. Theol.
Imprimatur datum in Curia Archiepiscopali Melitensi, Floriana – Die 25th Novembris 2014
Mons. Charles Scicluna Ep. Tit. Sancti Seana, Adm. Ap. S.V.

***It-talba għall-grazzja u l-glorifikazzjoni ta' Bro. Louis Camilleri.***

U fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, kien edukatur meta (mhux tant bil-kliem iżda bl-eżempju) waqqaf is-*Signum Fidei* hawn f Malta.

Bro. Louis mhux ser jieħu miegħu fidda jew deheb quddiem l-Imgħallem Divin (għax dawn qatt ma kellu). Iżda ser jieħu miegħu l-konvinzjoni li, anke fid-dgħufija tiegħu, hu kien imsejjaħ biex jaqdi. Hu kien imsejjaħ biex jaqdi b'vokazzjoni ta' ħabib u edukatur.

Naqsam magħkom dak li għadda minn moħħi meta rċevejt l-aħbar tal-mewt tiegħu. L-immaġni ta' bniedem li ġera ġirja twila. Issa wasal fejn xtaq u ġie wiċċ imbwiċċ ma' Alla, b'idejh it-tnejn mimlija bi frott ta' opri tajba. Hemm issa, Sid l-istorja tal-bniedem, ikun jista' jgħidlu, 'Ejja qaddej fidil u għaqli u ħu b'wirtek is-Saltna li jien ħejjejt għalik!'"[49]

Wara t-tqarbin, il-katavru ta' Bro. Louis ġie mbierek u inċensat minn Dun Jesmond u mill-Eċċ. Tiegħu. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus. Preżenti waqt il-quddiesa kien hemm ukoll l-Eċċ. Tiegħu. Mons. Annetto Depasquale, Vigarju Ġenerali, u s-Sinjura Kate Gonzi, mart Dr. Lawrence Gonzi, Prim Ministru ta' Malta.

Id-difna saret fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, fil-qabar Punent Div. Q – Komp. A – Nru. 19.[50]

*Brother* Louis naqqax il-marka tiegħu fuq kull min ġie f'kuntatt miegħu, kull fejn mar u f'kull sitwazzjoni. Kien tassew dixxiplu veru u *Brother* għal qalb il-Fundatur, San Ġwann Battista *De La Salle*.

Il-Bidu tal-proċess għall-venerazzjoni ta' Bro. Louis Camilleri FSC

Fil-ħames anniversarju mill-mewt ta' *Bro*. Louis, il-Ħadd, 29 ta' Mejju 2016, ingħata bidu għall-proċess għall-Venerazzjoni tiegħu. Dan huwa proċess twil li jibda bid-dokumentazzjoni tal-ħajja u l-virtujiet ta' dan il-*Brother* li, wara li serva lill-Knisja u lill-Istitut tal-*Brothers* fedelment u b'mod żelanti, miet b'fama ta' qdusija. L-għan huwa li Bro. Louis jitqiegħed mal-igglorifikati fil-Ġenna. Ladarba l-promozzjoni għall-

Venerazzjoni titnieda, Bro. Louis Camilleri jibda jissejjaħ bħala 'Qaddej ta' Alla'.

Għal dan il-għan gie imwaqqaf *Core Group* mill-*Brothers* stess bir-responsabbiltà mit-tqassim tal-informazzjoni u t-tixrid tad-devozzjoni lejn Bro. Louis. Il-grupp huwa wkoll involut fil-ġbir ta' kull xhieda rigward il-ħajja u x-xogħlijiet ta' Bro. Louis. Fil-fatt, sar appell biex dawk kollha li kienu jafu sew lil Bro. Louis u li għandhom esperjenzi personali, jersqu jagħtu x-xhieda tagħhom dwaru.

Il-*Core Group* kellu laqgħat kemm ma' Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, kif ukoll ma' Bro. Rodolfo Meoli F.S.C., Postulatur Ġenerali tal-Aħwa tal-Iskejjel Insara. Kemm Mons. Scicluna u kif ukoll *Brother* Meoli kellhom kliem inkoraġġanti u offrew l-appoġġ tagħhom għal din il-Kawża.[51] Fit-22 ta' Novembru 2016, Bro. Robert Schieler F.S.C., Superjur Ġenerali tal-*Brothers*, innomina lil Bro. Saviour Gatt F.S.C. bħala Viċi Postulatur tal-Kawża ta' Bro. Louis.[52]

## Għeluq

Bro. Louis ... bniedem ta' virtujiet kbar u ta' dedikazzjoni totali għall-qadi tal-vokazzjoni tiegħu. Bniedem li, meta twarrab minn ħdejh, tħossok edifikat bi kliemu u b'imġibtu. Fi kliemu, dejjem orjentat lejn Alla u qatt fuq ħwejjeġ profani jew tad-dinja, kont tħoss imħabbtu taħraq lejn il-Knisja u l-persuna tal-Papa. Bla dubju, kienet ukoll tinħass imħabbtu lejn il-qaddis Fundatur, San Ġwann Battista *De La Salle*., li, mill-mod kif kien jikkwotah f'kull cirkustanza, nistħajjel jien li kien jaf ħajtu u kitbietu fuq ponot subgħajh.

Bro. Louis ... bniedem ta' orazzjoni, moħħu kontinwament f'Alla u jħabrek kemm jiflaħ biex bnedmin oħra jsiru bħalu, iħobbu lil Alla. L-espressjonjiet Lasalljani spissi, bħal: "Niftakru li qegħdin fil-preżenza ta' Alla – Ejjew nadurawh" u "Jgħix Ġesù f'qalbna – Għal dejjem" flimkien mat-talbiet iffirmati BL (inizjali ta' ismu) li, ta' kull xahar, kien jippubblika fi ktejjeb, huma kollha xhieda elokwenti li kulma jmur, Bro. Louis kien wasal fi grad għoli ta' għaqda ma' Alla u li kien qorob biex jingħaqad għal dejjem mal-Mulej li tant kien iħobb.

Bro. Louis ... bniedem li fil-ħajja twila tiegħu kien ħaddiem żelanti fil-appostolat u wera mħabba profonda għall-vokazzjoni tiegħu bħala *Brother* u għall-vitalità tal-Istitut. Għalliem entużjast li l-istudenti qatt ma nsew ... li l-għerf u l-esperjenza li akkumulaw matul bosta snin, għamlu minnu punt ta' referenza u konsulent imprezzabbli għal żgħażagħ u adulti ukoll; kien persuna li, fuq kollox, kien jaf kif jisma'.[53]

Bro. Louis ... bniedem xempju brillanti ta' xi jfisser li tgħix vokazzjoni, li tmiss il-qlub ta' ħafna. Huwa eżempju ta' xi jfisser tħobb. Jekk kien hemm *Brother* wieħed li xorob mill-ispirtu ta' San Ġwann Battista *De La Salle*., dan kien hu u grazzi lilu li l-*Brothers*, l-istudenti u l-ħbieb tiegħu, żammew sod fil-fidi.[54]

Bro. Louis ... bniedem li ż-Żrieraq għandhom jammiraw u, fuq kollox jimitaw, għaliex dan il-bniedem umli li kellu l-ingredjenti kollha li soltu jidhru f'erwieħ qaddisa kien:

*A brother to all*
*He heeded his call*
*He dedicated all his life to Jesus*
*He weathered the storm*
*He showed his true form*
*By his faith and his love*
*And zeal to teach us.*

*Signum Fidei*
*Louis you are our sign of faith*
*Your wise words*
*Comfort us, today.*
*La Salle's spirit*
*Louis you have mirrored in your life*
*Now enter His Glory, we pray.*

*From the very start,*
*He touched many hearts*
*He planted many seeds*
*That grew and flowered.*
*He fought the good fight*
*Kept heaven in sight*
*With spiritual gifts*
*Louis was showered.*[55]

**Referenzi**

1 Efes. 5, 25-26.
2 Papa Franġisku, *Udjenza Ġenerali*, 19 ta' Novembru 2014.
3 1 Piet. 4, 10-11.
4 Ħutu l-oħra kienu Ġużeppi, Marjanna, Nazzarenu, Franġisku, Katerina, Karmenu, Marija Konċetta, Dolores, Spiridione u Bice.(Zerafa, K., "Bro. Louis Camilleri FSC 1923-2011 – Żurrieqi li għamel ħafna ġid fil-qasam reliġjuż u edukattiv," f'*Soċjeta Mużikali Santa Katarina V.M*, Settembru 2016, p. 270)
5 Iben Ġużeppi u Grazzja Agius.
6 Bint Mikiel u Mikelina Psaila.
7 Din id-data hija skont ma hemm miktub fir-reġistrazzjoni tal-magħmudija fil-parroċċa taż-Żurrieq (ara nota 9), iżda għandu jiġi nnutat li l-1 ta' Settembru 1923 fid-8.45 p.m. huma d-data u l-ħin tat-twelid ta' Antonio skont dak imniżżel fir-Reġistru Pubbliku (ara 5166-1923).
8 Iben Ġwanni Indri Mifsud u Marija mwielda Camilleri, Manuel twieled il-Belt Valletta nhar it-12 ta' Settembru 1847. Huwa ħa l-pussess tal-parroċċa bħala Kappillan fl-1890 u spiċċa bħala Arċipriet fl-1924. Fil-fatt, skont skrizzjoni li naraw fis-saqaf tas-sagrestija tal-Knisja Arċipretali, taħt

l-araldika tiegħu, Dun Manuel kien l-ewwel li ġie mogħti l-ġieħ li jġorr it-titlu ta' Arċipriet. Hu miet fl-24 ta' Frar 1924 fl-eta ta' 67 sena. Il-fdalijiet tiegħu, oriġinarjament midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, fl-1 ta' Lulju 1993 ġew trasportati għaċ-Ċimiterju ta' San Leone fiż-Żurrieq stess. (Vella, H., *L-Iskrizzjonijiet li jinsabu fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina V.M., Żurrieq*, Parroċċa Żurrieq, 2005, p. 20, 47-48)

[9] Parroċċa Żurrieq, *Liber Baptizatorum*, XIV (1923-1926) no. 19.

[10] Bro. Louis jirrakkonta kif kienu jmorru għand iz-zijiet jew għand in-nanniet biex jitolbuhom jgħinuhom. Kultant kienet tkun xi ftit kunserva, jew xi biċċa ġobon, imma l-aktar ħobż. Il-familja, imma, dejjem rabbiet it-tiġieġ, il-fniek u baqra għall-ħalib, fl-għalqa li kellhom. Ifakkar ukoll fil-ħidma li hu stess kien iwettaq fl-għelieqi li n-nanniet tiegħu kellhom f'Wied iż-Żurrieq. Jiftakar ukoll li missieru kien għamel madwar sentejn bla xogħol. (Naudi, M., "Close to death in wartime France," f'*The Globe Trotter – Malta's Travel Magazine*, nru. 4, Ottubru 2000, p. 28)

[11] Anon, "Brother Louis Camilleri f.s.c," fi *Programm Festa Santa Katerina*, Żurrieq, 2016, p. 31.

[12] Bro. Louis jirrakkonta li z-ziju tiegħu, li kien jaħdem it-tarzna, kien iħallaslu għat-trasport u fis-6.00 a.m., hu kien jitlaq miegħu u mal-ħaddiema l-oħra bit-trasport tagħhom. Lilu kienu jħalluh ħdejn is-Salib tal-Marsa u minn hemm, kien ikompli lejn Bormla bil-mixi. L-iskola għand *il-Brothers* kienet tispiċċa fl-istess ħin li fih kienu jispiċċaw il-ħaddiema tat-Tarzna, jiġifieri fl-4.30 p.m. Għalhekk, huwa kien jerġa' lura d-dar ma' zijuh. (Naudi, M., *op. cit.*, p. 28)

[13] Bro. Louis jirrakkonta li f'nofsinhar kien ikun hemm il-quddiesa u xi talb fil-kappella *tal-Brothers* u hu kien imur hemm waqt il-break. Darba minnhom, huwa u ħiereġ mill-kappella, iltaqa' ma' Bro. William u miegħu esprima x-xewqa li jsir *Brother*. Iżda l-għan tiegħu dejjem kien li jħobb lil Ġesù. Hu beda jirrealizza li l-*Brother* għandu nfluwenza enormi biex jgħin lill-istidenti ħalli jħobbu lil Ġesù, jgħixu ta' Insara, u jqiegħed fihom sens ta' appartenenza għall-Knisja. (Intervista li saret lil Bro. Louis minn studenti ta' *De La Salle* f'Mejju 2007)

[14] Fis-snin, 1886, 1888 u 1890 kienu saru tentattivi biex il-*Frères* jidħlu Malta. Imbagħad, bħal bosta ordnijiet reliġjużi oħrajn, fl-1903 huma tkeċċew minn Franza: l-art li kienet rathom jitwieldu. Din iċ-ċirkustanza serviet ta' okkażjoni biex huma jiġu fi gżiritna. Kienet l-ewwel darba li waslu f'Malta reliġjużi fratelli, għax il-membri ma jkunux saċerdoti. Malajr, u bl-approvazzjoni tal-Gvernatur Sir Charles Mansfield, huma fetħu skola f'numru 96 *Strada Buongiorno* f'Bormla. Huma minnufih bdew iħejju liż-żgħażagħ li xtaqu jersqu għall-eżami biex jidħlu fit-Tarzna, li f'dawk iż-żminijiet kienet tħaddem eluf ta' ħaddiema. Il-kandidati mħejjija mill-*Frères* kienu jmorru tajjeb u, għaldaqstant, il-*Frères* bdew jakkwistaw isem tajjeb. Dan wassal biex it-tfal żdiedu qatigħ bil-konsegwenza li nħass il-bżonn ta' skola akbar u aħjar. Fid-29 ta' Marzu, 1937, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Kulleġġ *De La Salle*. It-3 ta' Jannar 1939 kien l-ewwel jum ta' skola wara li l-Kulleġġ *De La Salle* mexa lejn *Tal-Ħawli*. Illum, il-*Frères* għandhom f'idejhom kemm il-Kulleġġ *De La Salle*, kif ukoll il-Kulleġġ *Stella Maris* fil-Gżira li oriġinarjament infetaħ f'Tas-Sliema ftit xhur wara l-wasla tagħhom f'Malta. Għal 26 sena mill-1947 sal-1973, kienu responsabbli tat-*Training College* għat-*teachers* irġiel f'Ta' Giorni. (Mangion, F., "Il-Freres u l-Birgu: San Ġwann Battista de la Salle u San Lawrenz," f'*Festa San Lawrenz*, Belt Vitoriosa, 2014, pġ. 141-142)

[15] Fid-9 ta' Lulju 1938, Manwel Camilleri, missier Antonio, applika biex jinħareġ il-passaport għal ibnu li kien għad kellu biss 15-il sena. Ir-rakkomandazzjoni f'din l-applikazzjoni ġiet iffirmata minn Bro. Lambert Newitt Attard FSC li, f'dik il-ħabta, kien id-Direttur tal-Kulleġġ *De La Salle*. Il-passaport, biex ikun jista' jivvjaġġa lejn l-Italja, Franza u r-Renju Unit għal skop ta' studju, ħareġ fit-13 ta' Lulju 1938 bin-numru 22301. Minn din l-applikazzjoni nsiru nafu li Antonio kien twil erba' piedi u disa' pulzieri, kellu għajnejn kannella ċari u l-kulur ta' xagħru kien kannella skur. (Arkivju Nazzjonali ta' Malta, Santu Spirtu, Rabat)

[16] Bro. Louis jirrakkonta li n-nies kienu gergru ma' ommu għaliex kienet ser tibgħatu fil-gwerra, iżda hi qatt ma oġġezzjonat, anzi kienet qaltlu: "Mur u ħobb lil Ġesù." (Intervista li saret lil Bro. Louis minn studenti ta' *De La Salle* f'Mejju 2007)

[17] Din kienet dar li tilqa' fiha lil dawk l-aspiranti żgħażagħ li xtaqu jibdew in-novizzjat u fejn huma setgħu jistudjaw għadd ta' suġġetti, bil-Franċiż, fil-livell sekondarju.

[18] It-tlieta l-oħra kienu: Angelo Farrugia (Bro. Norbert), Anthony Galea (Bro. Edward) u Anthony Farrugia (Bro. Jean) li kien twieled l-Eġittu minn ġenituri Maltin. (Conti Borda, A., "A Maltese Lasalliam Brother in enemy-occupied France," f'*The Sunday Times*, 13 ta' Marzu 2011, p. 48)

[19] Hekk kif beda n-novizzjat, ġie mogħti l-abitu reliġjuż, kurċifiss, kuruna tar-rużarju u kopja żgħira tat-Testment il-Ġdid li ġie mħeġġeġ biex jaqra minnha kuljum.

[20] *Régime de Vichy* huwa l-isem popolari mogħti lill-istat Franċiż immexxi minn Marshal Philippe Pétain matul it-Tieni Gwerra Dinjija. B'mod partikulari kien jirrappreżenta ż-żona libera, mhux okkupata, fin-Nofsinhar tal-pajjiż. Ironikament, Pétain kien eroj Franċiż tal-Ewwel Gwerra Dinjija.

[21] Skont din il-karta ta' identità, missieru kien jismu François Lagarde, ommu kien jisimha Marie-Bèrenice, hu twieled f'Valencia u kellu 17-il sena. (Naudi, M., *op. cit.*, p. 29)

[22] Huma kienu grati ferm lejn Bro. Vital, id-Direttur f'St Maurice L'Exile, għaliex kien hu li salvalhom ħajjithom meta l-uffiċjali tan-Nażi, flimkien ma' għadd ta' suldati, marru hemm ifittxu lill-*Brothers* Maltin. (Conti Borda, A., *op. cit.*, p. 49)

[23] Naudi, M., *op. cit.*, p. 29.

[24] Ciarlo, J., "Brother Louis Camilleri," f'*Leħen is-Sewwa*, 17 ta' Lulju 2016, p. 23.

[25] *Ibid.*, p. 23.

[26] *The Rule of the Brothers of the Christian Schools*, Rome, 2015, p. 35.

[27] Il-formula oriġinali bil-Franċiż miktuba minn Bro. Louis tgħid hekk: *"s'offrant lui-même comme victime à l'amour miséricordieux de Dieu."* (Tagħrif mgħoddi lili minn Bro. Saviour Gatt)

[28] "After Brother Edward's five very productive years (1963-1968), the way was open for a new director, different in personality but possessed of that kind of initiative that could maintain the forward drive of De La Salle. The 'new' man was Brother Louis, one of those Brothers who had laboured at De La Salle for more than 20 years." (Spiteri, A., FSC, *De La Salle College*, Vol. II, 1988, p. 159)

[29] Spiteri, A., *op. cit.*, p. 159.

[30] In his end-of-year Prize day, he [Bro. Louis] stated "that next year we shall have for the first time students from Afghanistan, Czechoslovakia, South Africa and Nigeria. This will bring up the number of nationalities to 24." (*The Lasallian*, 1968-69, p. 4)

[31] Il-*Boarders*, minn 28 fl-1961 żdiedu għal 166 fl-1971. (Spiteri, A., *op. cit.*, p. 130)

[32] Bro. Louis dejjem kien isostni li "the former useful but outdated working tools [had to be supplemented] by others which may be called the technological tools of modern education." (Spiteri, A., *op. cit.*, p. 162)

[33] "His wisdom and calm judgment had bestowed innumerable

benefits to De La Salle." (Spiteri, A., *op. cit.*, p. 167)

[34] Kienet tradizzjoni li din il-kariga tkun okkupata mill-Provinċjal tal-Brothers.

[35] Dan kien fiż-żmien meta l-Knisja f'Malta, immexxija minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, kienet fil-kriżi kbira li nqalgħet u kibret bejn il-Knisja u l-Istat minħabba dak li l-Gvern tal-ġurnata ried li jsir dwar l-iskejjel u l-proprjetà tagħha. Fl-aħħar xhur tal-1984, meta l-kriżi kienet fl-agħar tagħha, in-negozjati ħadu żvolta deċiżiva lejn ir-rikonċiljazzjoni bis-saħħa ta' proposti personali u diretti tal-Arċisqof Mercieca. (Buttigieg, C. "40 sena mill-bidu tal-Arċiveskovat," f'*Leħen is-Sewwa*, 4 ta' Diċembru 2016, p. 15)

[36] It-taħdita ma' Mons. Pawl Cremona O.P. saret fil-Kunvent tar-Rabat nhar is-Sibt, 4 ta' Frar 2017.

[37] Il-Kunsill Rappreżentattiv għall-Iskejjel tal-Knisja kien ġie xolt f'Novembru 1987. (Scerri, D., *The Saga of the Church Schools in Malta (1970-1986)*, MUT, 2000)

[38] Darba Bro. Louis mar ifittex qassis li kien kappillan ta' parroċċa u tah f'idejh envelop li kien fih ammont konsiderevoli ta' flus. Bro. Louis talab lil dan il-kappillan biex iwassal dak l-envelop għand familja partikulari fil-parroċċa tiegħu. Oriġinarjament, dan l-envelop kien ingħata lil Bro. Louis mingħand dik l-istess familja għaliex xtaqitu jaġevola lil binhom biex, filwaqt li jevita li jgħaddi mill-prattika mħaddma għad-dħul tal-istudenti fl-iskejjel tal-Knisja, ikollu post garantit f'waħda mill-iskejjel immexxija mill-*Frères*. Dan hu eżempju wieħed fost ħafna ta' dan il-valur. (Tagħrif mgħoddi lili personalment u bil-fomm mill-qassis innifsu)

[39] Zerafa, K., "Bro. Louis Camilleri," f'*In-Nazzjon*, 8 ta' Ottubru 2016, p. 11.

[40] Il-Fraternità *Signum Fidei* taf il-bidu tagħha fl-1970 meta, f'diversi postijiet fid-dinja, lajċi Lasalljani, bit-tama li jkollhom mod singulari ta' kif ikunu impenjati aktar f'ħajja Nisranija, talbu lill-Istitut biex, jekk ikun possibbli, jinħolqu rabtiet eqreb mal-*Brothers* u mal-ispirtu tagħhom. Minn dan il-bidu, il-Moviment *Signum Fidei* infirex f'madwar 30 pajjiż. Fl-2000, l-43 Kapitlu Ġenerali għaraf lill-membri ta' din il-fraternità bħala Assoċjati fil-Missjoni Lasalljana. (*The Lasallian*, Summer/Autumn 2009, p. 14)

[41] Ciarlò, *op. cit.*, p. 23.

[42] San Ġwann Battista De La Salle kellu devozzjoni speċjali lejn l-Immakulat Konċepiment tal-Madonna. Għalkemm id-domma kienet għadha mhux definita, id-devozzjoni lejha kienet mifruxa ħafna u hu kien jinsisti fuqha. Dan wassal biex, filwaqt li l-*Brothers* kienu jużaw il-kuruna tar-Rużarju normali f'ħames posti, il-fundatur irrakkomanda li tingħad posta oħra f'ġieħ l-Immakulata Kunċizzjoni. Għal dan il-għan, huma bdew isenslu l-kuruni tagħhom b'sitt posti biex hekk kif jispiċċaw il-meditazzjoni fuq il-ħames misteri li jkun imiss fil-jum, jibqagħlhom posta oħra biex fuqha jkomplu jimmeditaw it-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija. (Lanfranco, G., "Il-Kuruna b'Sitt Posti u l-*Frères* ta' *De La Salle*," f'*Soċjetà Mużikali Lourdes*, Qrendi, Festa 2007, p. 91)

[43] Ftit iżjed minn xahar wara li sar dan it-testment, fis-16 ta' Awwissu 1976, miet Manwel, missier Bro. Louis. Ħames snin wara, fl-11 ta' Diċembru 1981, Bro. Louis ġarrab il-mewt ta' ommu Karmena. (Tagħrif miġjub mill-Att Notarli tan-Nutar Dr Joseph Henry Saydon – 10 ta' Novembru 1993)

[44] Fil-fatt, fl-ewwel żminijiet tagħha, il-banda kienet tgħammar fi Strada Brittanica (illum Triq il-Ħaddiema). Fl-1893 marret fi Triq San Leonardu, fl-1897 fi Triq San Bartilmew, fl-1900 fi Triq il-Kbira u fl-1904 f'Misraħ ir-Repubblika. (Camilleri, A., u Farrugia, M., *L-Ewwel Banda Żurriqija: 150 sena ta' storja kontinwa 1865-2015*, Malta, 2015, p. 21)

[45] Fis-sena 1954, l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, Żurrieq kellhom jgħaddu minn żmien diffiċli għaliex is-sid tal-fond minn fejn kienet qed tiffunzjoni l-għaqda, rebaħ kawża fil-qrati ċivili sabiex il-propjetà terġa' lura għandu. Dan kien ifisser li l-għaqda riedet issib lokal ieħor alternattiv. Iżda f'Marzu 1955, wara ħafna taħbit u qtigħ il-qalb, kollox ġie f'postu meta fil-Parlament Malti tressqet b'urġenza l-liġi dwar il-każini tal-baned. Il-liġi, l-Att V tal-1955, kienet dwar il-liġi tal-kera li tapplika għall-fondi li kienu msejħa 'ħwienet'imma li ma kinux jinkludu 'każini'. B'dik l-emenda, il-kelma 'ħwienet'ġiet tapplika għall-'każini' ukoll, u b'hekk daħlet fis-seħħ l-istabbilità tal-kera skont il-liġi li għadha teżisti sal-lum. (Camilleri, A., *Ġrajjiet is-Soċjetà Karmelitana u Banda Queen Victoria Żurrieq*, Malta, 2006, p. 168)

[46] It-tentattivi dwar dan u li kienu ilhom għaddejjin is-snin, issa deher li kienu wasslu għall-ftehim. (Camilleri, A., *op. cit.*, p. 168)

[47] Għall-iffirmar ta' dan il-att, quddiem in-Nutar dehru l-aħwa Camilleri. Ġużeppi Camilleri kien ġie awtorizzat bi prokura biex jidher f'isem ħuh, Bro. Louis. Dan sar għaliex il-Brothers, bħala reliġjużi b'vot perpetwi, għalkemm setgħu jirtu, ma setgħux jamministraw. In-Nutar Dr. Joseph R. Darmanin, Emanuel Camilleri u Alfred Debono, dehru f'isem l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria fil-kapaċità tagħhom ta' President, Segretarju u Kaxxier rispettivament tal-istess għaqda. (Tagħrif miġjub mill-Att Notarli tan-Nutar Dr. Joseph Henry Saydon – 10 ta' Novembru 1993)

[48] Camilleri, A. u Farrugia, M., *L-Ewwel Banda Żurriqija: 150 sena ta' storja kontinwa 1865-2015*, Malta, 2015, p. 23.

[49] *Contact*, no. 11, July-August 2011, p. 3.

[50] Dan huwa wieħed miż-żewġ oqbra li l-komunità Lasalljana f'Malta għandha fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

[51] *Leħen is-Sewwa*, 12 ta' Ġunju 2016, p. 1.

[52] Fit-3 ta' Diċembru 2016, Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, approva din il-ħatra.

[53] Echeverría, Brother Á., FSC, Superior General, *Consecrated by God the Trinity as a Community of Brothers*, Pastoral Letter To The Brothers, 25 ta' Diċembru 2011, p. 48.

[54] Tabone, V., "His life was a life of prayer," in *Past Stella Maris College Students remember Bro. Louis Camilleri fsc*, June 2011, p. 2.

[55] Poeżija miktuba minn Frank O'Neil b'tislima lil Bro. Louis f'jum id-dħul tiegħu fil-ħajja eterna.

Filwaqt li nawgurawlkom il-Festa t-Tajba, inħeġġukom sabiex tipparteċipaw b'entużjażmu fl-attivitajiet kollha li qegħdin jiġu orgnanizzati, kemm dawk esterni kif ukoll dawk interni.